MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1053/2006

**Vincent PARNIS**

**vs**

**Edward ZAHRA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-23 ta' Novembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab lill-Qorti biex:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna lill-konvenuti sabiex jivvakaw il-fond lilhom mikri fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, stante morożita' fil-ħlas ta' żewġ (2) skadenzi kera, u ċioe' tal-5 ta' Lulju, 2006 u tal-5 ta'

Ottubru 2006 u dan in forza tal-klawsola numru għaxra (10) tal-iskrittura ta’ lokazzjoni datata 5 ta’ Jannar, 2004.

3. Tordna lill-konvenut jħallas l-arretrati ta’ kera dovuti lill-attur għall-perijodu mis-6 ta’ Lulju, 2006 fl-ammont ta’ ħamsa u sebgħin Lira Maltin (Lm75.00).

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali kontra l-konvenut nġunt għas-subizzjoni.

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimat fis-smigħ tal-lum fil-Qorti bil-miftuħ, li biha ammetta t-talbiet kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimat u wara li l-Qorti aċċertat ruħha li huwa fehem il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fuq ammissjoni tal-intimat tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors, bl-ispejjeż kontra l-intimat u b’dan illi għall-finijiet tat-tieni talba, tordna lill-imħħarrkin joħroġu mill-fond bl-isem “St. Paul”, f’numru tnejn u sebgħin (72), Triq l-Imrieħel, Birkirkara, fi żmien għoxrin (20) jum millum.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------